# JUM IS-SAĊERDOTI



Nhar Ħamis ix-Xirka l-Knisja tiċċelebra Jum is-Saċerdoti. Għaliex?

*Biex nifhmu x'ifisser is-saċerdozju ministerjali kattoliku rridu nifhmu x'inhi l-Ewkaristija.*

Fil-messaġġ tiegħu għat-23 Jum Dinji taż-Żgħażagħ (li se jiġi ċċelebrat f'Sydney bejn il-15 u l-20 ta' Lulju li ġej), il-Papa jitkellem mill-Ewkaristija li hi l-għajn tal-qdusija tagħna lkoll:

"Biex nikbru fil-ħajja nisranija tagħna, aħna għandna bżonn li nirċievu l-Ġisem u d-Demm ta' Kristu, infatti aħna mgħammdin u kkonfermati 'in vista' ta' l-Ewkaristija (ara KKK1322, *Sacramentum caritatis* 17). "Għajn u quċċata" tal-ħajja tal-Knisja, l-Ewkaristija hija "Pentekoste perpetwa", billi kull darba li niċċelebraw il-quddiesa nirċievu l-Ispirtu s-Santu li jgħaqqadna iżjed fil-fond ma' Kristu u jbiddilna fih. Jekk, għeżież żgħażagħ, nipparteċipaw ta' spiss fiċ-ċelebrazzjoni ewkaristika, jekk tiddedikaw ftit mill-ħin tagħkom għall-adorazzjoni tas-Sagrament Imqaddes, l-Għajn ta' l-Imħabba li hija l-Ewkaristija, intom takkwistaw dik id-determinazzjoni ferrieħa li tiddedikaw il-ħajja tagħkom biex issegwu l-Evanġelju. Fl-istess ħin tkun l-esperjenza tagħkom li kull meta s-saħħa tagħna ma tkunx biżżejjed, huwa l-Ispirtu s-Santu li jbiddilna, jimliena bil-qawwa tiegħu u jagħmilna xiehda mimlija bil-ħerqa missjunarja ta' Kristu rxoxt."

Għin lill-Knisja f'Għawdex tkompli tieħu ħsieb is-saħħa fiżika u spiritwali tas tas-saċerdoti tagħna, biex ikollna saċerdoti aktar qaddisin li jressquna lejn l-Ewkaristija, l-"Għajn u l-Quċċata" tal-ħajja nisranija.

KUN ĠENERUŻ fil-Ġabra li ssir għas-saċerdoti fil-quddiesa ta' Ħamis ix-Xirka filgħaxija, u itlob għall-qdusija tagħhom.

*Kan Frankie Bajada, Arċipriet Għajnsielem*



## *Tinsiex!*

- It-Tlieta 18 ta' Marzu: **Jum is-Sagrament tar-Rikonċiljazzjoni**
- Il-Ħamis filgħodu: **Quddiesa tal-Griżma fil-Katidral** (9.00am)
- Is-Sibt 22 ta' Marzu**: Is-Sahra tal-Qawmien**: Ċelebrazzjoni Marjana fis-Santwarju ta' Pinu (9.00am)
- Is-Sibt filgħaxija: Nieħdu lkoll sehem fil-**Velja ta' l-Għid**, l-ikbar ċelebrazzjoni tal-Knisja!

*gozopress • 21551534*

## It-Talba tal-ġimgħa

*Mulej Ġesu', li bqajt magħna fis-Sagrament ta' l-Ewkaristija, qaddes is-saċerdoti tiegħek u tagħna biex jagħtuna dejjem il-Ġisem u d-Demm tiegħek b'rahan tal-ħajja ta' dejjem. Amen.*



Djoċesi ta' Għawdex



# Bullettin tal-Ħadd

Ħadd il-Palm • Sena A • Id-39 Sena (2034) • 16 ta' Marzu 2008

**Mill-Evanġelju ta' San Mattew** **Mt 21, 1-11**

X'ħin waslu qrib Ġerusalem u ġew quddiem Betfaġe, lejn il-Għolja taż-Żebbuġ, Ġesu' bagħat żewġ dixxipli u qalilhom: "Morru sar-raħal ta' biswitkom, u minnufih issibu ħmara marbuta u felu ħdejha; ħolluhom u ġibuhomli. Jekk xi ħadd igħidilkon xi ħaġa, weġbuh, "Il-Mulej jeħtieġhom, u malajr jerġa' jibgħathom lura."

Id-dixxipli marru u għamlu kif ordnalhom Ġesu'; ġiebu l-ħmara u l-felu, qiegħdu fuqhom l-imnatar tagħhom, u hu qagħad fuqhom. Għadd kbir ta' nies firxu l-imnatar tagħhom fit-triq, waqt li oħrajn qatgħu xi friegħi mis-siġar u ferrxuhom mat-triq.

Il-folla li kienet miexja quddiem, kif ukoll dawk li kienu miexja wara, bdew igħajtu u jgħidu: "Hosanna lil Bin David! Imbierek min ġej f'isem il-Mulej! Hosanna fl-ogħla tas-smewwiet!"




**IMBIEREK MIN ĠEJ**



**RIFLESSJONI:**

- Ġesu' beda l-vjaġġ tiegħu fuq ħmara lejn Betlemm fejn kellu jitwieled. U Gesu' jidħol Gerusalemm fuq ħmara, fejn kellu jmut.
- Dan jurina li Ġesu' huwa Sultan ġwejjed, umli u fqir. F'dan l-ispirtu Ġesu ried iwettaq il-missjoni tas-salvazzjoni tagħna, mill-bidu sat-tmiem.
- Il-folla mxiet warajħ tgħajjat fil-ferħ biex tilqgħu bħala Sultan.
- Matul ir-randan għamilt il-mixja wara Ġesu' biex nilqgħu bil-ferħ fil-qalb tiegħi?
- Ifrex il-mantar ta' l-imħabba tiegħek u xejjer bil-ferħ ir-rieda rieda shiħa tiegħek għal Ġesu, biex ikollok sehem mill-frott tal-passjoni tiegħu.